MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2011

Numru 10000/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ramon Mercieca)**
**(Spettur Priscilla Caruana)**

**vs**

**Alfred Vella ta' 44 sena, bin Calcedonio u Rita nee` Polidano, imwieled Birzebbugia nhar 18/04/1967 u residenti gewwa 44, Il-Girna, Triq l-Imnarja, Birzebbugia detentur tal-kata ta' l-identita 163267M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat Alfred Vella li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar it-18 ta' Mejju, 2011, bhala persuna li zammet jew qablet li zzomm xi animal u cioe` kelb, gighel lill-istess isofri ugiegh , tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn u dan bi ksur tal-Artikoli 8(2) u 8(3) tal-Kap 49 Dwar il-Harsien tal-Annimali.

U akkuzat talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi samm ghanu animal u cioe kelb u ma kienx responsabbli ghat-trattametn xieraq tieghu billi sawtu, sparalu u ikkagunalu feriti kif iccertifika Dr. Trevor Zammit veterinarju u dan bi ksur ta' l-artikoli 8(2) u 8(3) tal-Kap 439 Dwar il-Harsien tal-Annimali.

U aktar talli talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkawza il-qtil ta' animal domestiku jew iddomestikat u dan bi ksur tal-artikolu 13(1) tal-Kap 439 tal-Ligiiet ta' Malta.

U aktar talli talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu ghal liema ghan ikun u immanifattura arma tan-nar u cioe arma regolari minghajr licenza tal-Kummissarju tal-Pulizija, hekk kif elenkat fi skeda 1 u dan bi ksur ta' l-Art 3 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi zamm f'xi fondd jew kellu fil-pussess tieghu, jew that il-kontroll tieghu jew garr bara minn xi fond jew fiddintorni teighux l arma tan-nar, jew munizzjoni fl-Iskeda II minghajr ma kellu licenza u dan bi ksur ta' l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 480 tal-ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi iffabrika arma minghajr ma kellu licenza mahruga mill-Kummisarju tal-Pulizija u dan bi ksur ta' l-Artikolu 16 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-20 ta' Gunju ta' l-2011 ghall-habta ta' d-disgha u nofs ta'fil-ghaxija u fis-snin ta' qabel fil-fond 44, "Il-Girna", Triq l-Imnarja, B'Bugia zamm xi ghasfur, kemm haj kemm mejjet, jew parti minn xi ghasfur, li l-kacca jew tehid teighu huma projbiti taht ir-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Serlvaggi, u cioe` Baghdan Ahmar Cicus Aeruginosus u Cewcewwa Tringa Nebularia, kontra id-dispozizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti meta dak l-ghasfur ma kienx gie ddikjarat u registrat ma l-Awtorita Kompetenti sal-31 ta' Mejju 2003 u minghajr ma inghata il-permessi, jew certifikati mill-Awtorita` Kompetenti sabeix izomm dakk l-ghasfur u dan

bi ksur ta' regolament 4(1)(e) ta' A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat.

U aktar talli talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi zamm ghassfu, kemm haj kemm mejjet, jew parti minn xi ghasfur mhux imsemmi fl-Iskeda II jew l-Iskeda III tar-Regolametni ta' l-'2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi, u cioe Baghdan Ahmar Cicusaeruginosus u Cewcewwa Tringa Nebularia, met adak l-ghasfur ma kienx ittiehed fi Stat Membru iehor fejn ikun jista' jittiehed jew jinqabad legalment taht id-dispozizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409, KEE dwar l-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi kif ukoll taht il-ligijiet ta' dak l-Istat Membru l-iehor u dan l-ghasfur ma kienx migjub f'Malta wara l-1 ta' Mejju 2004 u dan bi skur ta' regolament 4(1)(f) ta' A.L 79 ta' l-2006 hekk kif emendat.

U aktar talli talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu xi ghasfur jew ghasafar ibbalzmati li l-ispeci taghhom mhux inkluza fl-Iskeda III u cioe` Baghdan Ahmar Cicusaeruginosus u Cewcewwa Tringa Nebularia u li ma kienux gew registrati mas-Sezzjoni fiz-zmien stipulate u dan bi ksur ta' regolament 21(5) tal-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat.

U aktar talli talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ittrasferixxa jew b'xi mod iehor iddispona minn xi ghasfur imsemmi fir-regolametn 4(1)(e) ta' r-regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Serlvaggi, u cioe` Gallina tal-Bahar Haematopus Ostralegus minghajr m aghamel talba lid-Direttur u minghajr ma kellu awtorizzazzjoni bil-miktub ta' dak it-trasferimetn jew id-disponiment minghand id-Direttur u dan bi ksur ta' regolament 4(2) tal-A.L. 79 ta' l-2006 kif emendat.

U aktar talli talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi gera wara, ha jew ipprova jiehu, qabad, qatel jew ipprova joqtol, deliberament iddistrugga, ipposseda, ittrasporta, xi ezemplari ta' specie elenkati fi Skeda V(a) ta' r-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Protezzjoni tal-flora, Fawna u Ambjent Naturali, u cioe Lifgha Elapha situla meta ma kellux permess mahrug minn qabel mill-Awtorita`

Kompetenti jew mid-Direttur u dan bi skur ta’ regolament 25(1) ta’ l-AL 311 ta’ l-2006 hekk kif emendat permezz ta’ l-A.L. 162 ta’ l-2009.

Rat id-dokumenti esebieti u l-atti kollha ta’ dan il-procediment.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti tatu zmien jirrikonsidra l-istess.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet dwar piena.

Ikkunsidrat,

Illi fid-dawl ta’l-ammissjoni maghmula mill-imputat ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta’l-istess.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta, l-Qorti ma tistax tinjora l-ammisjoni bikrija maghmula mill-imputat u il-fedina penali nadifa tieghu. Izda f’dana l-kaz partikolari dina l-Qorti ma tistax tieqaf hemm u tikkonsidra dawn il-fatturi biss. Il-Qorti tqies illi f’dana il-kas gew kommessi essenzjalment zewg reati li huma serji. Fl-ewwel lok l-imputat huwa hati ta’ mohqrija fuq annimal, mohqrija li tista’ tigi definita bhala wahda esagerata. Jidher illi l-imputat sabiex jiddisponi minn dina l-kelba iddecieda illi minflok jaghmel uzu mis-servizzi li joffri l-Istat u anke hafna organizazzjonijiet volontarji li jezistu f’pajjizna, ghazel illi jiddisponi minnha b’mod krudili. Fit-tieni lok, l-imputat huwa hati wkoll li ffabbrika arma tan-nar bil-ghan li juzaha ghal skopijiet illegali u cioe’ ghal kacca illegali. Il-Qorti tqis illi dana ir-reat huwa daqstant gravi daqs l-ewwel wiehed u dana peress illi kif sehh f’dana il-kaz l-imputat uza dina l-arma ghal skopijiet ohra. Jidher illi dina l-arma giet immanifatturata mill-imputat bil-ghan illi ma taghmilx hoss meta tigi sparata. Huwa hawn illi l-Qorti tqis il-gravita ta’ dak illi ghamel, ghaliex ma hemmx dubbju ghalhekk, illi l-intenzjoni kienet wahda u cioe’ illi meta tigi sparata dina l-arma hadd ma jinduna. L-ghan ghal-

manifattura taghha min-naha ta'l-imputat kien certament illi jaghmel uzu hazin minnha ghaliex altrimenti seta facilment juza is-seba armi tan-nar li ghandu illicenzjati f'ismu.

Illi maghdud dana kollu madanakollu l-Qorti ma tistax fid-decizjoni taghha tipprova tissodisfa il-"public outcry" li kien hawn in konnessjoni ma' dana il-kaz. L-imputat zbalja fl-azzjonijiet tieghu u minn dak mistqarr fl-istqarrija tieghu jidher illi iddispjacih ghal dak illi ghamel. Fil-fatt fl-istqarrija tieghu huwa jghid: "Iddispjacini hafna ta' kif marru l-affarijiet ghax l-intenzjoni tieghi kienet li noqtolha kif kienu ser jaghmlu d-dogs home u mhux li nahqarha." Ghaldaqstant il-Qorti fil-kalibrazzjoni tal-piena trid issib bilanc bejn li issir gustizzja ghal dak illi sehh u l-fatt illi l-imputat ma jinghatax piena aktar milli haqqu ghal dak illi ghamel.

Illi il-Qorti ser taghmel ampja referenza ghal dak mistqarr mill-Prim'Imhallef Emeritus Vincent De Gaetano fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali Il-Pulizija vs Maurice Agius deciza fit-13 ta' Dicembru 2009 fejn esprima bl-iktar mod koncis dak li ghandu iwassal gudikant ghal gudizzju tieghu dwar il-piena:

***"Il-buon sens, pero`, jissuggerixxi diversi cirkustanzi, u kriterji ohra, li ghandhom jitqieghdu fil-kfief tal-mizien: il-gravita` tar-reat, il-mod kif ikun twettaq, l-impatt fuq is-socjeta`, il-hsara rizultanti, jekk wiehed ghamilx tajjeb ghal dik il-hsara, il-koperazzjoni u l-ghajnuna li wiehed ikun ta lill-pulizija fil-kors tal-investigazzjoni, l-ammissjoni bikrija (b'mod li l-istat ma jinkorrix f'aktar spejjez), l-impatt tas-sospensjoni jew tan-nuqqas ta' sospensjoni kemm fuq il-persuna misjuba hatja kif ukoll fuq is-socjeta`, jekk il-persuna misjuba hatja hix perikoluza u/jew x'indikazzjonijiet hemm li hija tista' terga' tikkommetti reat iehor (simili jew ta' xorta ohra), u hafna u hafna cirkostanzi ohra. Jinghad ukoll li, filwaqt li gudikant, fil-ghoti tal-piena (u dan mhux biss fil-kaz ta' jekk sentenza ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza o meno) ghandu jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta` u tar-***

***reazzjoni tas-socjeta` ghal dak it-tip ta' reat (tali reazzjoni hija r-rifless ta' dak l-impatt), il-gudikant mhux qieghed hemm biex jissodisfa l-ghajta ta' dawk li, ma' kull sentenza, tarahom jiktbu fil-gazzetti jew f'xi blog fuq l-internet biex jikkritikaw kollox u bl-addocc ghax minghalihom li saru issa esperti anke fil-ligi u fil-mod kif is-sentenzi ghandhom jigu decizi. Kif qal Lord Justice Lawton fil-kawza R v. Sargeant** :*

***"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion*."**"

Illi fil-maggior parti taghhom l-akkuzi migjuba fil-konfront ta'l-imputat igorru maghhom piena konsistenti f'multa ghajr ghar-raba u il-hames akkuzi li jinkwadraw ruhhom fl-artikolu 5 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta. Dana id-dispost tal-ligi igorr mieghu il-piena ta' prigunerija minn tliet xhur sa hames snin. Izda fil-proviso ghall-artikolu 51 tal-ligi hemm dispost:

**"Izda meta l-kundanna jkollha x'taqsam ma' pussess ta' armi regolari jew munizzjon gewwa xi fond jew il-ksur jitqies bhala wiehed zghir hafna mill-Qorti, u wara li titqies xi tkun il-kwantità jew il-kwalità ta' l-armi tan-nar jew tal-munizzjon il-Qorti tkun sodisfatta li dawn ma kienux qeghdin hekk jinzammu ghall-bejgh jew ghal xi xorta ta' negozju iehor jew inkella biex isir uzu minnhom kontra l-ligi, il-hati jista' jehel multa ta' mhux anqas minn sitt mija u tmienja u disghin euro u wiehed u tmenin (€698.81) jew prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet xhur jew dik il-multa u prigunerija flimkien."**

Illi hawnhekk il-ligi telenka diversi cirkostanzi fejn ghandu japplika dana il-provvediment. Illi bir-rispett lejn dak sottomess mill-abbli difensur ta'l-imputat, il-Qorti tqis illi dana ma japplikax ghal kaz odjern u dana ghar-ragunijiet

imfissra iktar kmieni f’dina is-sentenza. Hanwhekk ma nistghux nitkellmu fuq xi ksur zghir – l-imputat iffabbrika l-arma tan-nar huwa stess bl-intiza li jaghmel uzu minnha hazin u fil-fatt hekk ghamel. Ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief tapplika il-piena stabbilita fl-artikolu 51(2), liema piena karcerarja ser tkun wahda effettiva. Billi l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u iddispjacih minn dak illi ghamel, l-Qorti apparti li ser tinfliggi il-multa ghar-reati l-ohra kollha addebitati lill-imputat, hija tal-fehma illi dina ghandha tkun fil-minimum taghha.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 8(2) u (3), 13(1) u 45(1)(a) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikoli 5(1), 16(1), 51(2)(4) u l-artikolu 57 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-Regolament 4(1)(e)(f), 4(2), 21(5), 27(1)(a),(3) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 504.71 u r-regolamenti 25(1)(a), 49(1)(a)(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 504.73, u l-artikoli 17(f) u (h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati ta’l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta’ tlett xhur prigunerija, kif ukoll multa ta’ ghaxart elef ewro (€10000).

Il-Qorti qed tordna is-sospensjoni tal-licenzji kollha ta’ zamma ta’l-armi u tal-kacca u tal-insib ta’l-imputat ghal zmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------